# L-Antifona tas-Surmast Giuseppe Camilleri



Il-jum 4 ta' Marzu, 1986 għandu jinżamm bħala Jum Storiku għall-parroċċa tagħna, speċjalment minn dawk il-Qriema Ġorġjani li jmorru bi ħġarhom il-knisja għall-funzjonijiet li jsiru ta' kull sena f'ġieh il-Patrun tagħna San Ġorġ. Kulħadd jogħxa u jitpaxxa bil-mużika sabiħa ta' l-antifona tas-Surmast Giuseppe Camilleri u li hija magħrufa wkoll bħala "FUNDATUS".

Is-Surmast Giuseppe Camilleri għall-bosta snin kien il-Maestro di Cappella tal-Knisja ta' San Ġorġ Martri. Huwa laħaq flok is-Surmast Bugeja. Il-mibki u qatt minsi s-Surmast Camilleri kien bniedem dedikat u l-ħila tiegħu bħala mużikant kienet tabilħaqq kbira. Il-mewt tiegħu fl-1976 ħasdet lill-poplu Qormi.

Wara l-mewt tas-Surmast Giuseppe Camilleri, l-mużika tiegħu ġiet fdatha f'idejn Dun Ġużepp Cachia li wara żmien qasir waqaf milli jidderiġi din il-mużika f'diversi knejjes. Mar-riżenja tiegħu, fil-knisja tagħna reġgħet bdiet tindaqq mill-ġdid il-mużika ta' Bugeja. Iżda, minkejja li din hija sabiħa wkoll il-poplu Qormi baqa' qalbu marbuta ma' l-antifona "FUNDATUS" tas-Surmast Camilleri.

Kienu saru bosta talbiet għalxejn lis-Sinjura Mary Camilleri biex toffri jew tbiegħ l-antifoni lill-parroċċa tagħna. Madankollu, bil-ħidma għaqlija tal-Kavillier Surmast Abel J. Mizzi, A.Mus., L.C.M., O.St.A. flimkien ma Dun Lawrenz Zammit, Viċi Parroku, li jmexxi l-Kor tal-Parroċċa, sa fl-aħħar il-Qriema se jkollhom ix-xorti li jerġgħu jisimgħu din l-antifona. Nies li tassew jisthoqqilhom ġieh, għall-frott ħidmiethom.

Kien nhar it-Tlieta, 4 ta' Marzu 1986 meta s-sinjura Mary Camilleri tat lis-Surmast Mizzi u lil Dun Lawrenz Zammit, mingħajr ħlas, iż-żewġ antifoni kompluti bl-istrumentatura kollha u li minn din is-sena stess se jindaqqu fil-jiem tal-festa tal-Qaddis Patrun tagħna San Ġorġ.

Minn qalbna niżżukħajr lis-Sinjura Mary Camilleri u l-familja tagħha għal din l-għotja prestiġjuża li żgur tferraħ lill-poplu Qormi.

Ħajr mill-ġdid lil kulħadd.

## KONTRIBUTURI

Nirringrazzjaw minn qalbna għall-kontribuzzjonijiet li taw dawn il-qarrejja tal-fuljett:

Mrs. Theresa Frendo – Lm1; N.N. – Lm1; N.N. – Lm1.10; N.N. – 50c; Mr. Joe Camilleri – Lm1; Miss Maria Camilleri – 50c

Nixtieqū li jkun hawn ħafna qarrejja oħrajn li jagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħhom biex inlaħħqu ma' l-ispejjeż tal-fuljett.

## RIŻULTAT TAL-KOMPETIZZJONI TAL-GĦID 1986

Fil-fuljett tal-Għid 1986 saret kompetizzjoni għall-qarrejja tal-fuljett taħt forma ta' Quiz. Xtaqna ħafna li ħadu numru ikbar ta' kompetituri. Imma minn numru sabiħ li ħadu sehem, iż-żewġ rebbieħa li telgħu bix-xorti kienu dawn:

1. Mrs. Antoinette Vassallo
   "St. Francis House" Anici Street, Qormi.
2. Mrs. Esther Abela
   22, St. George's Street, Qormi.